Nru./No. 18,569
Prezz/Price
€0.75

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 24 ta' Marzu, 2010
Wednesday, 24th March, 2010

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 2545 - 2547
Government Notices ..... *2545 - 2547*

Avviż tal-Pulizija 2548
Police Notice *2548*

Avviżi tal-Gvern ..... 2548 - 2549
Notices ..... *2548 - 2549*

Avviżi tal-Qorti ..... 2550 - 2556
Court Notices ..... *2550 - 2556*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 292

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)

IL-PRIM Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Philip Schembri	Direttur Ġenerali *Director General*	Dwana *Customs*	From 17.03.2010

L-24 ta' Marzu, 2010

GOVERNMENT NOTICES

No. 292

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CUSTOMS)

THE Prime Minister has approved the following acting appointment:–

24th March, 2010

Nru. 293

ORDNI GĦALL-KONSERVAZZJONI

Artikolu 46 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 356)

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tiddikjara li l-monument hawn taħt imsemmi, jiġifieri:

Mercury House fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan

(ara l-pjanta f'paġna 2547) huwa ta' valur arkitettoniku, storiku u kulturali tant li ġie inkluż fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skont it-termini tal-Artikolu 46 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp u skont in-Notifikazzjoni Nru 839/06 kif ippubblikata fil-Gazzetta tal Gvern fit-2 ta' Ottubru, 2006.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li Mercury House għandha bżonn tiġi kkonservata u għalhekk qiegħda toħroġ Ordni għall-Konservazzjoni fir-rigward tal-monument imsemmi hawn fuq skont l-artikolu 46 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

L-impatt dirett mill-bniedem ikkawżat mill-iżvilupp li ilu għaddej minn Novembru tal-2008 qed joħloq ħsarat f'Mercury House. Minħabba f'hekk il-provvedimenti li ġejjin japplikaw:

1. Fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni, is-sid għandu jissottometti Dikjarazzjoni tal-Metodu ta' Tisħiħ ippreparat minn Perit ikkwalifikat fil-Konservazzjoni;

2. Id-Dikjarazzjoni tal-Metodu ta' Tisħiħ għandu jinkludi dettalji ta' kull aspett tal-konservazzjoni bħal irfid

No. 293

CONSERVATION ORDER

Section 46 of the Development Planning Act (Cap. 356)

The Malta Environment and Planning Authority declares that the following monument, namely:

Mercury House, Triq San Ġorġ, San Ġiljan

(see site plan on page 2547) is of architectural, historical and cultural importance such that the monument was listed as a Scheduled Property in terms of Section 46 of the Development Planning Act 1992 and according to Government Notice 839/06 as published in the Government Gazette dated 2nd October 2006.

The Authority also believes that Mercury House is in need of conservation and is hereby issuing a Conservation Order in respect of the above monument in accordance with section 46 of the Development Planning Act.

Mercury House is suffering from human impact caused by the ongoing development underway since November 2008. For this reason the following provisions apply:

1. Within a month of the publication of this Notice, the owner is to submit a Consolidation Method Statement prepared by a qualified Conservation Architect;

2. The Consolidation Method Statement is to detail all aspects of conservation including the temporary shoring,

temporanju, tisħiħ u restawr tal-partijiet perikoluż kif ukoll miżuri oħra li jkun hemm bżonn sabiex jiġu ssalvagwardjati l-valuri storiċi u arkitettoniċi tal-bini. Ir-responsabbiltà tas-saħħa u sigurtà għall-bniedem hija tas-sid kif ipprovvdut fil-liġi;

3. Kif tiġi approvata d-Dikjarazzjoni tal-Metodu ta' Tisħiħ mill-MEPA, is-sid hu obbligat li jagħmel ix-xogħlijiet tar-restawr u tisħiħ fi żmien tliet (3) xhur minn meta tingħata l-approvazzjoni;

4. Sadattant, il-bini għandu jiġi mirfud sabiex ma ssirlux iktar ħsara kif approvat mill-MEPA għal xogħlijiet ta' emerġenza fit-termini tal-Avviż Legali 258 tal-2002;

5. It-tħaffir li qed isir kif approvat f'PA 06325/07 li qed jikkawża ħsarat lil bini għandu jieqaf skont ECF 195/10 sakemm il-bini ta' Mercury House jiġi konsolidat. Xogħlijiet ta' skavar ma jistgħux jitkomplew sakemm il-MEPA tkun sodisfatta li Mercury House m'għadhiex f'periklu u mhux se terġa' ssirilha ħsara kif jitkompla t-tħaffir u l-iżvilupp;

6. Kwalunkwe permess maħruġ mill-MEPA hu bla preġudizzju għall-ħtiġiet u regolamenti oħra mituba mil-liġi Maltija jew tal-Unjoni Ewropea;

7. Mercury House għandha tkun miżmuma u kkonservata fil-futur permezz ta' programm kontinwu ta' manutenzjoni. Is-sid flimkien tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għandhom jiftehmu fuq il-metodi ta' manutenzjoni li għandhom jiġu użati biex il-proprjetà tinżamm fi stat tajjeb. Il-programm ta' manutenzjoni għandu jkun kif stabbilit mil-kriterja tal-Kunsill tal-Ewropa u UNESCO fil-Konvenzjonijiet, *Charters* u Protokolli li Malta ffirmat għalihom;

8. Din l-Ordni għall-Konservazzjoni tibqa' fis-seħħ wara li l-proprjetà tkun irrestawrata jekk il-MEPA tħoss li x-xogħlijiet jistgħu jerġgħu jagħmlu ħsara lill-proprjetà, u

9. Kull kontravenzjoni f'din il-proprjetà skedata għandha titneħħa fi żmien sitt (6) xhur mill-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni għall-Konservazzjoni, minn u/jew għall-ispejjeż tas-sid jew min wettaq il-kontravenzjoni kif provdut f'Sezzjonijiet 46, 52, 53 u 55 tal-Att dwar l-Ippjanar.

Jekk issir ħsara jew tibdil bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra fl-artikoli 46, 52, 53 tal-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

L-24 ta' Marzu, 2010

consolidation, and restoration of the dangerous structural parts and any other measures that are deemed essential to safeguard the historic and architectural values of the building. The onus of maintaining human safety on site is solely the responsibility of the owner as provided by law;

3. On approval of the Consolidation Method Statement by MEPA, the owner is obliged to carry out the restoration and consolidation works within three (3) months of the approval;

4. In the interim, the building is to be adequately shored to prevent further damages as approved in MEPA's clearance for emergency works in terms of Legal Notice 258 of 2002;

5. Ongoing excavation works relating to PA 06325/07 causing damages to the building must be halted as per ECF 195/10 until Mercury House has been consolidated. Excavation works may not resume until MEPA is satisfied that Mercury House has been rendered safe and will not be damaged again by further excavations and development;

6. Any clearance issued by MEPA is without prejudice to further requirements and regulations required by Maltese and EU law;

7. Mercury House shall in future be maintained and conserved by means of a continuous maintenance programme. The Owner together with the Malta Environment and Planning Authority shall agree on the maintenance methods to be employed in future for the upkeep of the property. The programme has to follow the criteria established by the Council of Europe and UNESCO in their Conventions, Charters and Protocols, to which Malta is signatory;

8. This Conservation Order will remain in force after the property has been restored if MEPA feels that further works may again damage the property, and

9. Any existing infringements within the scheduled property shall be removed within six (6) months of the issue of this Conservation Order by, and/or at the expense of the owner or perpetrator as set out in Section 46, 52, 53 and 55 of the Act.

If the property is further damaged or altered in contravention of this order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections, 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

24th March, 2010



St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295

Malta Environment
& Planning Authority

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map :-

Min E53875, N75615
Max E54061, N75782

Title :-

Conservation Order on Mercury House, Triq San Ġorġ, San Ġiljan

Ref No. :-

Key. :-

Mercury House scheduled as Grade 2 as per GN 839/06 dated 2/10/2006

Form No. :- MU004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 32

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-triq imsemmija hawn taħt se tkun meqjusa bħala Żona ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-triq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Marzu, 2010, mis-7.00 a.m. sad-9.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kulleġġ, Ġorġ Borg Olivier u Misraħ il-Parroċċa.

Nhar il-Ħadd, l-4 ta' April, 2010, mis-7.00 a.m. sal-12.15 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Parroċċa, San Pawl, San Ġużepp, Santu Wistin, Vjal Santu Wistin, il-Mużew, is-Saqqajja u l-Kbira.

Nhar il-Ħadd, il-11 ta' April, 2010, mis-7.00 a.m. sal-12.15 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Parroċċa, San Katald, Sant' Agatha, il-Katakombi, Kan. G. Gatt Said, Rudolph Saliba, Ħal Bajjada, Ħad-Dingli, iż-Żagħar, Bir ir-Riebu, Pierre Muscat, Santa Barbara u Emmanuele Vitale.

Vetturi li jinstabu jiksru dan l-avviż ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

L-24 ta' Marzu, 2010

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, XOGĦOL U L-FAMILJA

Riżultat għall-Post ta' *Foreman (Projects and Maintenance)* fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja

Is-Segretarju Permanenti, fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja għarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat tal-għażla għall-post imsemmi hawn fuq, fin-*notice-board* tat-Taqsima tar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja, Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, u fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

L-24 ta' Marzu, 2010

POLICE NOTICE

No. 32

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the street mentioned hereunder is to be classified as Tow Zone as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the street mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and times indicated.

Rabat

On Sunday, 28th March, 2010, from 7.00 a.m. till 9.30 a.m. through the following streets: il-Kulleġġ, Ġorġ Borg Olivier and Misraħ il-Parroċċa.

On Sunday, 4th April, 2010, from 7.00 a.m. till 12.15 p.m. through the following streets: Misraħ il-Parroċċa, San Pawl, San Ġużepp, Santu Wistin, Vjal Santu Wistin, il-Mużew, is-Saqqajja and il-Kbira.

On Sunday, 11th April, 2010, from 7.00 a.m. till 12.15 p.m. through the following streets: Misraħ il-Parroċċa, San Katald, Sant' Agatha, il-Katakombi, Kan. G. Gatt Said, Rudolph Saliba, Ħal Bajjada, Ħad-Dingli, iż-Żagħar, Bir ir-Riebu, Pierre Muscat, Santa Barbara and Emmanuele Vitale.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

24th March, 2010

MINISTRY OF EDUCATION, EMPLOYMENT AND THE FAMILY

Result for the Post of Foreman (Projects and Maintenance) in the Ministry of Education, Employment and the Family

The Permanent Secretary, in the Ministry of Education, Employment and the Family notifies that the result of the selection of the above-mentioned post may be viewed on the notice-board of the Human Resources Section, Ministry of Education, Employment and the Family, Palazzo Ferreria 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, and at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

24th March, 2010

ATT TAL-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI
(A.L. 54 tal-2010)

Regolamenti tal-2010 dwar Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet

B'riferenza għall-avviż li deher fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,554 tad-19 ta' Frar, 2010, il-Kummissjoni Elettorali tgħarraf illi hija m'għandhiex ritratt tal-persuni li isimhom jidher hawn taħt. Għaldaqstant dawn il-persuni għandhom jiġu meqjusa bħala żieda mal-avviż li deher fil-Gazzetta tal-Gvern imsemmija aktar qabel. Għalkemm isimhom huwa inkluż fir-Reġistru Elettorali għall-Kunsilli Lokali ppubblikat f'Ottubru, 2009, dawn il-persuni ma jkunx jista' jkollhom r-ritratt tagħhom fuq il-lista tal-persuni li għandhom jedd jivvutaw.

Il-Kummissjoni Elettorali tistieden lil dawn il-persuni sabiex jiġu l-Uffiċċju Elettorali ħalli jitteħdilhom ritratt.

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993
(L.N. 54 of 2010)

Administrative Committees for Communities Regulations, 2010

With reference to Govenment Gazette No. 18,554 of the 19th February, 2010, the Electoral Commission notifies that it is not in possession of a photograph for the persons whose name is shown hereunder. Consequently these persons should be considered as additional to the notice published in the aforementioned Government Gazette. Although the names of these persons are included in the Local Councils' Electoral Register published in October, 2009, it would not be possible to have the photograph of these persons on the list of persons entitled to vote.

The Electoral Commission invites these persons to call at the Electoral Office in order to have the photograph taken.

Angelillo Giacoma – 46606A – 6, Triq Ball, Paceville, San Ġiljan

Isaksson Hanna Caroline – 43171A – 74, Iris, Triq il-Wilġa, Paceville, San Ġiljan

Osterberg Gustav Martin – 43172A – 74, Triq il-Wilġa, Paceville, San Ġiljan

Stromberg Viktor Olof – 45095A – 28, Portomaso, Vjal Portomaso, Paceville, San Ġiljan

Petrova Zhivka Zhelezova – 44601A – 4, Triq San Ġużepp, Paceville, San Ġiljan

Frojd Dan Erik – 50552A – Il-Perit, Fl 8, Triq Spinola, Paceville, San Ġiljan

Martinelli Ferdinando – 17829A – 102, Triq Spinola, Paceville, San Ġiljan

Lammers Ronald Gerardus – 17575A – Tower Crt, Fl 2, Triq it-Torri, Xlendi, Il-Munxar

Shortle Walter – 47955A – Penelope, Blk B, Fl 8, Triq il-Puniċi, Xlendi, Il-Munxar

Il-Kummissjoni Elettorali tgħarraf lill-votanti illi għal dawn l-elezzjonijiet huma għandhom jippreżentaw il-Karta tal-Identità tagħhom sabiex jivvutaw.

The Electoral Commission notifies the voters that for these elections they have to present their Identity Card to cast their vote.

SALV. GAUCI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

L-24 ta' Marzu, 2010

SALV. GAUCI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Il-Belt Valletta.

24th March, 2010

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

544

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-20 ta' Jannar 2010, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fit-22 ta' Ġunju 2009, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Giselle Dalli (KI 778 (M)) ta' 13, Triq il-Konvoj, Qrendi, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2,838.53 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 489/09MK) hija differita għat-8 ta' April 2010 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 22 ta' Marzu 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 20th January 2010, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 22nd June 2009 whereby they asked the Tribunal to condemn Giselle Dalli (ID 778 (M)) of 13, Triq il-Konvoj, Qrendi, to pay the plaintiff company the sum of €2,838.53 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 489/09MK) is put off on the 8th April 2010 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 22nd March 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

545

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja fit-12 ta' Frar 2010, Rikors Numru 115/2010, minn Angelo, Emanuel, James, Maria mart Victor Muscat u Margaret mart Victor Mula, ilkoll aħwa Bonnici, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħhom fi kwota ta' kwinta parti (1/5) indiviża kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' missierhom Angelo Bonnici, ġuvni, iben il-mejtin Emanuel u Maria neè Mifsud, imwieled u kien joqgħod il-Għargħur fejn miet fil-5 ta' Mejju 2006 ta' 76 sena u kellu karta tal-identità numru 0524229(M) u li miet mingħajr testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

Illum 22 ta' Marzu 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 12th February 2010, Application Number 115/2010 by Angelo, Emanuel, James, Maria wife of Victor Muscat and Margaret wife of Victor Mula brothers and sisters Bonnici, whereby they prayed that it be declared open in their favour in the quota of one fifth (1/5) undivided part each one of them the SUCCESSION of their father Angelo Bonnici, bachelor, son of the late Emanuel and Maria neè Mifsud born and resided in Għargħur where he died intestate on the 5th May 2006, aged 76 holding identity card number 0524229(M).

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section.

Today 22nd March 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

546

Illi b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-8 ta' Marzu 2010 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-kuraturi.

REPUBBLIKA TA' MALTA

Lill: Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-8 ta' Marzu 2010 fuq talba ta' Melita Power Diesel Limited ġie ordnat illi jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Gulf Global Services Limited reġistrata fil-gżejjer Bermuda bin-numru 36743 fl-atti tal-avviż numru 64/10SM fejn talbet:

Illi s-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €10,831.20 rappreżentanti l-prezz ta' diversi servizzi reżi mill-kumpanija rikorrenti fil-Manoel Island Marina lil Yacht privat bl-isem ta' M/Y Shubra II, proprjetà tal-kumpanija intimata.

Bl-imgħaxijiet legali u bl-ispejjeż kollha kontra l-kumpanija intimata li hija minn issa inġunta in subizzjoni.

Rikorrenti: 19, Triq il-Ġnien, Gżira.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Inferjuri, u ssejjah lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll illi tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx hekk fi żmien mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fuq xhieda ta' Dott. Silvio Meli, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti tal-Maġistrati hawn fuq imsemmi.

Illum 8 ta' Marzu 2010.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Marzu 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Court of Magistrates (Malta), of 8th March 2010, the publication of the following bann which appears hereunder was ordered for the purpose of service in terms of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

REPUBLIC OF MALTA

To the Court Marshall

By a decree given by the Courts of Magistrates (Malta) on the 8th March 2010 on the application of Melita Power Diesel Limited it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent Gulf Global Services Limited registered in the islands of Bermuda holding number 36743 in the acts of notice number 64/10SM acts whereby it demanded:

That the defendant company pays the plaintiff company the sum of €10,831.20 representing price for various services rendered by the interpellant company in the Manoel Island Marina on the private yacht with the name M/Y Shubra II, property of the defendant company.

With legal interests and costs against the defendant company which is from now summoned so that a reference to its evidence be made.

Applicant: 19, Triq il-Ġnien, Gżira.

You are ordered to inform everyone that should no one come forward within the time stipulated the Court will proceed in order to choose whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform everyone that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this court will proceed to the selection of curators of office.

After so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Court of Magistrates (Malta) with the witness of Dr Silvio Meli, Doctor of Laws, Magistrate of the above mentioned Court.

Today 8th March 2010.

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 22nd March 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

547

B'digriet mogħti fit-2 ta' Marzu 2010, fl-Atti taċ-Ċitazzjoni fl-ismijiet Axisa Alfred vs Attard Roger, Ċitazzjoni Numru 351/04 AL, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-Atti taċ-Ċitazzjoni Numru 351/04 AL, Alfred Axisa vs Roger Attard et, l-eredi tad-defunt attur Alfred Axisa esponew bir-rispett:

Illi l-attur Alfred Axisa miet fil-15 ta' Ġunju 2009.

Illi skont l-aħħar testment tad-defunt Alfred Axisa tat-22 ta' Settembru 2008, fl-atti tan-Nutar Dott. Ritienne Bugeja Fenech (Dok A) kif jirriżulta mill-annessi riċerki testamentarji pubbliċi u sigrieti (Dok B sa Dok D) l-istess defunt Alfred Axisa, istitwixxa bħala eredi universali tiegħu lil martu Emanuela Axisa (KI Numru 642143M).

Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna t-trasfużjoni tal-ġudizzju, fil-persuna tal-istess Emanuela Axisa.

Konvenut: 1) Roger Attard, 'Glorious', Triq il-Lampara,
Baħar iċ-Ċagħaq,
Naxxar.

2) Flat 6, 'Kappara Court',
Triq il-Buqrajq,
San Ġwann.

3) Citadel Insurance plc 'Casa Borgo',
36, Market Street,
Floriana.

Il-kawża fl-ismijiet Axisa Alfred vs Attard Roger, Ċitazzjoni Numru 351/04 AL, tinsab differita għas-smigħ għas-27 ta' Mejju 2010, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Marzu 2010.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 2nd March 2010, in the Records of the Writ of Summons Axisa Alfred vs Attard Roger, Writ of Summons Number 351/04 AL, the First Hall Civil Court, ordered the following publication, for the purpose of the defendant, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, in the Records of the Writ of Summons Number 351/04 AL, Alfred Axisa vs Roger Attard et, the heirs of the deceased plaintiff Alfred Axisa, pleaded with respect:

That the plaintiff Alfred Axisa died on the 15th June 2009.

That according to the last will of the deceased Alfred Axisa of the 22nd September 2008, in the records of Notary Dr Ritienne Bugeja Fenech (Doc A) as results from the attached testementary searches public and secret (Doc B to Doc D) the same deceased Alfred Axisa instituted as his universal heir his wife Emanuela Axisa (ID Number 642143M).

Thus the applicant prays with respect that this Honourable Court orders that the records of the proceedings be transferred on to the person of the same Emanuela Axisa.

Defendant: 1) Roger Attard, 'Glorious' Triq il-Lampara,
Baħar iċ-Ċagħaq,
Naxxar.

2) Flat 6, 'Kappara Court',
Triq il-Buqrajq,
San Ġwann.

3) Citadel Insurance plc 'Casa Borgo',
36, Market Street,
Floriana.

The cause in the names Axisa Alfred vs Attard Roger, Writ of Summons Number 351/04 AL, has been put off for hearing to the 27th May 2010, at 9.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 22nd March 2010.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

548

B'digriet mogħti fl-24 ta' Settembru 2008, fl-Atti taċ-Ċitazzjoni fl-ismijiet Mamo Henry sive Eric noe vs Cutajar Paul pro et noe, Ċitazzjoni Numru 584/89 AL, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Carmel Axisa, Andrew Sullivan, Joseph Pace, Alfred Fenech u Michael Fenech, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Avv. Dott. Henry sive Eric Mamo noe vs Paul Cutajar pro et noe, Ċitazzjoni Numru 584/89 AL, ir-rikorrenti soċjetà Five Star Concrete Limited, C-17433, eponiet bil-qima:

1. Illi in forza ta' kuntratt ippubblikat fl-14 ta' Marzu 1995, min-Nutar Dott. Mario Bonello, kopja esebita a fol. 208, l-esponenti Five Star Concrete Limited, akkwistat minn għand l-allura Mid-Med Bank Limited, il-kreditu fl-ammont ta' (€215,968.08) bilanċ ta' kreditu naxxenti favur il-Bank minn żewġ kuntratti ippubblikati min-Nutar Dott. Carmelo Mangion, fit-18 ta' Mejju 1984 u fid-9 ta' Diċembru 1986, taħt il-pattijiet u kundizzjonijiet indikati fl-istess Att tal-14 ta' Marzu 1995.

2. Illi in kwantu l-mertu taċ-Ċitazzjoni jirrigwarda l-istess kreditu li ġie akkwistat mill-esponenti, l-atti għandhom jitkomplew u jiġu leġittimati bħala atturi, mis-soċjetà Five Star Concrete Limited. Għaldaqstant l-esponenti titlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-leġittimazzjoni tal-istess atti fis-sens illi dawn jitkomplew u jiġu leġittimati f'isem is-soċjetà Five Star Concrete Limited, bħala attriċi minflok u bħala suċċessur u akkwirent fil-kreditu ta' Mid-Med Bank Limited.

Esponenti: 'Falzon House', Dr Zammit Street, Balzan.

Intimati: 1. Carmel Axisa - 13, Archbishop Gonzi Square, Kalkara.
2. Andrew Sullivan - 828, Notabile Road, Mriehel.
3. Joseph Pace - 37, Tignè Sea Front, Sliema.
4. Alfred Fenech - Mike House, St Catherine Street, Marsaxlokk.
5. Michael Fenech - 1, Alley 3, Kalkara.

Iċ-Ċitazzjoni Numru 584/89 AL, fl-ismijiet Henry sive Eric Mamo noe versus Paul Cutajar pro et noe, tinsab differita għas-smigħ għall-25 ta' Marzu 2010, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Marzu 2010.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 24th September 2008, in the Records of the Writ of Summons in the names Mamo Henry sive Eric noe vs Cutajar Paul pro et noe, Writ of Summons Number 584/89 AL, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of Carmel Axisa, Andrew Sullivan, Joseph Pace, Alfred Fenech and Michael Fenech, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Adv. Dr Henry sive Eric Mamo noe vs Paul Cutajar pro et noe, Writ of Summons Number 584/89 AL, the applicant company Five Star Concrete Limited, C-17433, pleaded with respect:

1. That in virtue of a contract published on the 14th March 1995, by Notary Dr Mario Bonello, copy exhibited a fol. 208, the applicant Five Star Concrete Limited, acquired from the the Mid-Med Bank Limited, the credit in the amount of (€215,968.08) balance of credit resulting in favour of the Bank from two contracts published by Notary Dr Carmelo Mangion, on the 18th May 1984 and the 9th December 1986, under the pacts and conditions indicated in the same Act of the 14th March 1995.

2. 2.That as regards the merit of the Writ of Summons regards the same credit acquired by the applicants, the proceedings are to be continued and transferred onto the the company Five Star Concrete Limited as plaintiffs. Thus the applicants pray with respect that this Honourable Court orders that the records of the same proceedings be transferred in the sense that these be continued and transferred instead in the name of the company Five Star Concrete Limited, as plaintiff, and as successor and acquirer of the credit of Mid-Med Bank Limited.

Applicants: 'Falzon House', Dr Zammit Street, Balzan.

Respondents: 1. Carmel Axisa - 13, Archbishop Gonzi Square, Kalkara.
2. Andrew Sullivan - 828, Notabile Road, Mriehel.
3. Joseph Pace - 37, Tignè Sea Front, Sliema.
4. Alfred Fenech - Mike House, St Catherine Street, Marsaxlokk.
5. Michael Febnech - 1, Alley 3, Kalkara.

The Writ of Summons Number 584/89 AL, in the names Henry sive Eric Mamo noe versus Paul Cutajar pro et noe, has been put off for hearing to the 25th March 2010, at 9.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 22nd March 2010.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

549

Ikun jaf kulħadd illi b'diġriet tas-26 ta' Frar, 2010 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Guido Vella fis-26 ta' Jannar, 2010 qed jintalab l-izbank fl-ammont ta' €2,888.64 depożitati b'ċedola numru 2314/2009 mill-HSBC Bank Malta plc li jappartjenu lil Norbert Vella. L-intimat għandu żmien ħamest ijiem biex iwieġeb.

DOTT. NADYA FIOTT
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 26th February 2010 given by the Court of the Magistrates, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

That the application filed by Guido Vella on the 26th January, 2010, is asking for the withdrawal of the amount of €2,888.64 deposited by the Schedule of Deposit number 2314/2009 deposited by HSBC Bank Malt plc and appertaining to Norbert Vella. There is the time period of five days for response by the respondent.

DR NADYA FIOTT
For the Registrar of Courts and Civil Tribunals

550

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fuq rikors ta' 22 ta' Marzu 2010 GRECH PIERRE ET ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 28 ta' April, 2010 f'nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-22 ta' Marzu, 2010 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand SAVERY GAETANO MARK ET.

Ġojjellerija, għamara, arloġġi, xkaffar u bosta affarijiet oħra.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 22 ta' Marzu 2010.

Dawn l-oġġetti se jiġu mibjugħa bħalma huma deskritti fis-subbasta numru 1/10.

DOTT. NADYA FIOTT
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 22nd March 2010 on the application of GRECH PIERRE ET, Wednesday, 28th April, 2010 at noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 22nd March 2010 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of SAVERY GAETANO MARK ET.

Jewellery, furniture, watches, shelves, and other objects.

Registry of the Superior Courts, this, 22nd March 2010.

These objects will be sold as described in the judicial sale by auction number 1/10.

DR NADYA FIOTT
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

551

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-22 ta' Marzu 2010, fuq rikors ta' LOMBARD BANK MALTA PLC ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 12 ta' April, 2010 fl-10.00 a.m. għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-22 ta' Marzu 2010, li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand USA BOATS LTD ET.

Arloġġ u sett tad-deheb.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 23 ta' Marzu 2010.

L-imsemmija oġġetti jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta numru 32/2007.

DOTT. NADYA FIOTT
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 22nd March 2010, on the application of LOMBARD BANK MALTA PLC, Monday, 12th April, 2010 at 10.00 a.m., has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 22nd March 2010, to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of USA BOATS LTD ET.

Watch and jewellery.

Registry of the Superior Courts, this 23rd March, 2010.

The said objects will be sold as described in the acts of the judicial sale by auction number 32/2007.

DR NADYA FIOTT
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

552

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-22 ta' Marzu 2010 fuq rikors ta' GRIMA JOHN (KI 144745 (M)) ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 12 ta' April, 2010 fil-11.00 a.m. għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand BORG VICTOR ET (KI 187554 (M)).

Mejda u siġġijiet, television, wall unit, DVD player, kamra tas-sodda, gradenza, washing machine u ħafna affarijiet oħra.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Marzu 2010.

L-imsemmija oġġetti jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta numru 59/2009.

DOTT. NADYA FIOTT
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on, 22nd March 2010 on the application of GRIMA JOHN (ID 144745 (M)), Monday, 12th April, 2010 at 11.00 a.m., has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of BORG VICTOR ET (ID 187554 (M)).

Table and chairs, television, wall unit, DVD player, bedroom suite, chest of drawers, washing machine and many other items.

Registry of the Superior Courts, this 23rd March 2010.

The said objects will be sold as described in the acts of the judicial sale by auction number 59/2009.

DR NADYA FIOTT
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

553

B'digriet tat-18 ta' Frar 2010, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet tal-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill: Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-18 ta' Frar 2010, fuq talba ta' Rafet Kayir, ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Claire Ann Zammit, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat 67/10, fl-ismijiet 'Rafet Kayir vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Rafet Kayir (KI 29358 (A)) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Claire Ann Zammit (KI 10083 (G)) fit-18 ta' Frar 2010, ir-rikorrenti Rafet Kayir (KI 29358 (A)) talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi ż-żwieġ bejn il-partijiet imsemmi fir-rikors huwa null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Bl-ispejjeż, kontra l-intimata li hija minn issa inġunta in subizzjoni.

By means of a decree of the 18th February 2010, the Civil Court (Family Section) ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To: the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court on the 18th February 2010, following a request by Rafet Kayir, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the absent Claire Ann Zammit, in the records of the Sworn Application 67/10, in the names 'Rafet Kayir vs Deputy Curators' and in the relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application filed in the Civil Court (Family Section) in the names Rafet Kayir (ID 29358 (A)) vs Deputy Curators to appear for the absent Claire Ann Zammit (ID 10083 (G)) on the 18th February 2010, the applicant Rafet Kayir (ID 29358 (A)) asked this Honourable Court:

1. To decide and declare that the marriage between the parties mentioned in the application is null and without effect for all intents and purposes of law.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to her evidence be made.

Lista ta' xhieda.

Rikorrent: 27, Dove, Clarence Street, Pietà.

Notifika: Kuraturi Deputati, il-Qorti, il-Belt, Valletta.

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuratur tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Raymond C. Pace, LL.D. Dip. Trib. Eccl.Melit. Duttur tal-Liġi.

Illum 18 ta' Frar 2010.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), illum 23 ta' Marzu 2010.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

List of witnesses.

Applicant: 27, Dove, Clarence Street, Pietà.

Notify: Deputy Curators, Courts of Justice, Valletta.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section) above mentioned with the witness of the Hon. Mr Justice Raymond C. Pace, LL.D. Dip. Trib. Eccl. Melit, Doctor of Laws.

Today 18th February 2010.

Registry of the Civil Court (Family Section), today 23rd March 2010.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

554

Illi b'digriet tat-Tribunal tal-Konsumaturi, tal-15 ta' Marzu 2010 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Ivan Abela ta' Flat 4, Sunset Court, Triq Mons Anton Cilia, Żebbuġ, ZBG 3140, ipprezenta Talba fl-14 ta' Awwissu 2009, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Marphil Gauci ta' Diri Zoro, Triq Karlu Darmanin, Kirkop, sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' €1,059.30 liema ammont huwa dovut lill-attur.

Il-kawża (CCT Numru 507/09) hija differita għall-4 ta' Ġunju 2010 fis-2.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 23 ta' Marzu 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Consumer Claims Tribunal of 15th March 2010, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Ivan Abela of Flat 4, Sunset Court, Triq Mons Anton Cilia, Żebbuġ, ZBG 3140, filed a Claim on the 14th August 2009 whereby he asked the Tribunal to condemn Marphil Gauci of Diri Zoro, Triq Karlu Darmanin, Kirkop, to pay the plaintiff the sum of €1,059.30 which amount is due to the plaintiff.

The case (CCT Number 507/09) is put off on the 4th June 2010 at 2.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 23rd March 2010.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*